MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 473/2005

**Panta Marketing & Services Ltd (C-11233)**
**Vs**
**WWW Travel TV Public Limited Company (C-25043)**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ppresentata mis-socjeta' attrici, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' sitt elef mija u wiehed u sebghin lira Maltin (Lm 6, 171) bilanc parti minn somma akbar, rapprezentanti prezz ghall-bejgh, konsenja u installazzjoni ta' *'airconditioning unit'* maghmul mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, ai termini tal-ftehim datat 1-4 ta' Jannar, 2001 hawn anness u mmarkat bhala Dok PMS1 kif ukoll ai termini talinvoices hawn annessi u mmarkati bhala Dok PMS 2-PMS4 ;

Illi, minkejja interpellata anke ufficjalment, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallset xejn;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Kaptilu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li d-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta' attrici s-socjeta konvenuta m'ghadhiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talba ta' l-istess socjeta' attrici;

Talbet lis-socjeta' konvenuta, dispensat is-smiegh tal-kawza skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Artiklu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta' Malta, u in vista ta' I-affidavit guramentat hawn anness u mmarkat bhala Dok A, tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-taIba, bid-dispensa tas-smiegh;
2. Tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' sitt elef mija u wiehed u sebghin lira Maltin (LM6,171) bilanc parti minn somma akbar, rapprezentanti prezz ghall-bejgh, konsenja u installazzjoni ta' '*airconditioning units'* maghmul mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, ai termini tal-ftehim datat l-4 ta' Jannar, 2001 hawn anness u mmarkat bhala Dok PMS1 kif ukoll ai termini tal-invoices hawn annessi u mmarkati bhala Dok PMS 2-PMS4;
3. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici ssomma ta' sitt elef mija u wiehed u sebghin lira Maltin (Lm 6, 171) bilanc parti minn somma akbar, rapprezentanti prezz ghall-bejgh, konsenja u installazzjoni ta' *airconditioning units'* maghmul missocjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, ai termini talftehim datat 1-4 ta' Jannar, 2001 hawn anness u mmarkat bhala Dok PMS1 kif ukoll ai termini tal-invoices hawn annessi u mmarkati bhala Dok PMS 2-PMS4 ;

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta Ii hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xiehda ta' Dr John Gauci in rapprezentanza tas-socjeta' attrici li ikkonferma illi s-socjeta' attrici baqghet ma thallset xejn mis-socjeta' konvenuta;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontraddetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw ippruvati;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------